Rikors għal revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju –

Penali – garanzija – Art. 836(1)(f) u (8) - 838A Kap 12 –

ammont mhux *prima facie* ġustifikat

MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

### MĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA

Rikors Revoka Numru 848/2018

**Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 1306/2018 fl-ismijiet:**

**Portem Brew and Leisure Ventures**

**Limited (C80837)**

**vs**

**DAAA Haus Limited (C68342)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn DAAA Haus Limited (minn issa 'l quddiem imsejjħa 'l-eżekutata') fis-16 t'Awwissu 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti:

(1) Tordna li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1306/18 fl-ismijiet Portem Brew and Leisure Ventures Limited (C80837) vs DAAA Haus Limited (C68342) jiġi revokat u mħassar għar-raġunijiet fuq esposti u dana ai termini tal-artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) Tikkundanna lil Portem Brew and Leisure Ventures Limited (C80837) tħallas penali xierqa ai termini tal-artikolu 836 (8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dana għar-raġunijiet kontemplati fl-artikolu 836 (8) (b) u (d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(3) Fin-nuqqas li dina l-Onorabbli Qorti tilqa l-ewwel u t-tieni talba fuq esposti, tordna li Portem, sabiex fi żmien prefiss, tagħti garanzija xierqa għall-hlas tad-danni u imgħax, u fin-nuqqas tordna l-ħruġ tal-kontro mandat opportun għal mandat kawtelatorju odjern u dana ai termini tal-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(4) Ukoll illi fin-nuqqas li dina l-Onorabbli Qorti tilqa' l-ewwel u t-tieni talba fuq esposti, tordna li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1306/18 fl-ismijiet Portem Brew and Leisure Ventures Limited (C80837) vs DAAA Haus Limited (C68342) jiġi revokat u mħassar in parti u dana

in kwantu l-effetti tal-istess mandat jolqtu u jeffettwaw il-kont bankarju mizmum mal-Bank of Valletta p.l.c. bin-numru 40025181294 intestat DAAHAUS CLIENT MEST (kopja tal-istatement relattiv jinsab hawn anness u mmarkat Dok M), u dana ai termini tal-artikolu 836 (1) (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-degriet tagħha taL-24 t'Awwissu 2018, li bih ordnat in-notifika lill-eżekutant bi żmien għan-Nota bħala tweġiba għat-talbiet tal-eżekutata;

Rat it-Tweġiba mressqa minn Portem Brew and Leisure Ventures Limited (minn issa 'l quddiem imsejjha 'l-eżekutanta') fis-26 ta' Lulju 2018, li biha u għar-raġunijiet hemm minnha msemmijin qal li t-talbiet tal-eżekutati ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex huma bla bażi fattwali u legali;

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-Mandat li għalih jirreferi;

Ikkunsidrat:

Illi s-sekwestru li ta lok għal din il-proċedura inħareġ fl-10 t'Awwissu 2018 għas-somma ta' €377,028 rappreżentanti "depożitu, u ħlas akkont" ta' opra li l-intimata allegatament kellha tesegwixxi fil-fond 71, 72, u 73 Strait Street Valletta liema opra qatt ma ġiet esegwita "b'dan illi kkaġunat telf ta' qliegħ u dannu ieħor" għall-eżekutanta.

Illi l-eżekutata ssostni li filwaqt li fl-ittra uffiċċjali tissemma' s-somma ta' €8,500 rappreżentanti depożitu u ħlas; fis-sekwestru tissemma' ċ-ċifra ferm ikbar, ukoll għal depożitu u ħlas. Dan mhux preċiż, billi fl-ittra uffiċċjali, huwa minnu li tissemma' €8,500 rappreżentanti depożitu ħlas imma mbagħad hemm talba oħra għal-likwidazzjoni tad-danni.

Illi min-naħa l-oħra, għalkemm fil-kawżali tas-sekwestru jissemma' li l-

eżekutanta sofriet danni, id-danni jissemmew b'mod inċidentali u mhux bħala parti mis-somma pretiża, li ġiet deskritta bħala rappreżentanti depożitu u ħlas akkont, u mhux ukoll danni. Għalhekk filwaqt li fl-ittra uffiċċjali, tintalab iċ-ċifra ta' €8,500 għad-depożitu u ħlas; fis-sekwestru, għall-istess depożitu u ħlas intalbet is-somma ferm ikbar ikbar. Il-Qorti taf sewwa li bħala regola hija trid toqgħod rigorożament entro l-parametri tal-pretenzjoni kif ikkonfezzjonata fl-att promotur; f'dan il-każ ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju. B'danakollu huwa evidenti li l-intenzjoni tal-eżekutanta kienet li tinkludi d-danni bħala parti mis-somma pretiża fis-sekwestru għalkemm sfortunatament ivvergat il-kawżali tar-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru b'mod xejn feliċi. Il-Qorti tqis li l-intenzjoni – hekk evidenti – għandha – b'mod eċċezzjonali - tipprevali fuq dak li hemm miktub – *contra scriptum* – u dan a skans ta' moltiplikazzjoni inutili ta' proċeduri ġudizzjarji;

Illi m'huwa xejn inverosimili li t-telf ta' qliegħ minħabba dewmien fil-ftuħ ta' negozju jitla' għal somma konsiderevoli. Min-naħa l-oħra, l-eżekutanta ma wriet bl-ebda mod kif waslet għas-somma ta' €368,528 (€377,028 - €8,500) bħala danni. Waqt it-trattazzjoni bil-fomm fl-udjenza tal-24 ta' Settembru 2018, l-abbli avukat difensur tagħha qal li din kien sejjer jispjegaha fir-rikors ġuramentat. Dan iżda mhux biżżejjed biex, f'dawn l-atti, jintwera *prima facie* li dan l-ammont huwa tassew dovut (vide Art. 836(1)(d) Kap 12). Fil-fehma ta' din il-Qorti, mhux biżżejjed li *prima facie* jirriżulta li setgħu ġew ikkawżati d-danni; għaliex il-leġislatur ma kitibx li jrid li *prima facie* jirriżulta li s-sekwestrant huwa kreditur tas-sekwestrat għal xi kawżali tkun xi tkun (*ex contractu, ex lege*, jew *ex delictu*) imma li "l-ammont mitlub" ma jkunx *prima facie* ġustifikat. Altrimenti, ikun wisq faċli li wieħed ifajjar il-figuri u jipparalizza l-operat ekonomiku tas-sekwestrati mingħajr ma l-Qrati jkollhom l-opportunita` li jissindikaw il-

ħruġ tal-mandati kawtelatorji sabiex ma jsirx abbuż minnhom.  Min-naħa l-oħra, il-liġi tgħid "*prima facie* **ġustifikat**" – mhux "**ippruvat**" għaliex l-indaġini li tista' tagħmel il-Qorti fi proċeduri kawtelatorji hija tabilfors waħda sommarja.  Ammont jista' jiġi ġustifikat *prima facie* anke b'sempliċi eżerċizzju matematiku – f'dan il-każ, per eżempju kemm dam magħluq in-negozju, u l-proġettazzjoni ta' qliegħ, u, imqar b'mod ġenerali, fuq liema kriterji tkun saret din il-proġettazzjoni;

Illi l-eżekutata ġiebet raġunijiet l-għala l-eżekutanta m'għandhiex raġun fil-pretensjoni tagħha.  Dan iżda huwa l-mertu tal-kontroversja, kamp riżervat għall-eventwali kawża, u mhux għal proċeduri kawtelatorji bħal dawn li l-iskop tagħhom m'huwiex biex jiġi ddeterminat min għandu raġun jew tort imma biex tiġi ggarantita l-effettivita` ta' eventwali sentenza favorevoli għall-eżekutanta, billi tinnewtralizza l-periklu li jġib miegħu id-dewmien sakemm tinqata' l-kawża (*periculum in mora)*;

Illi ma jirriżultawx l-elementi rikjesti fl-Artiklu 836(b) jew (d) tal-Kap 12;

Illi l-fatt li nħareġ mandat kawtelatorju kontra l-eżekutata mhux biżżejjed biex jitlob din il-garanzija. Dan il-fatt waħdu mhux il-kawża ġusta li trid il-Ligi. Li kieku kien hekk, il-Ligi kienet tgħid li kull min inħareġ mandat kontra tiegħu għandu jingħata garanzija, izda l-ligi trid ukoll, barra l-ħruġ tal-mandat, li jkun hemm kawża ġusta.[1]  Mhux biżżejjed li eventwalment jista' jirriżulta li l-eżekutant ma jiħux raġun fil-mertu.  Irid ikun hemm abbuż mill-proċedura ġudizzjarja, li jitqies biss f'każijiet eċċezzjonali li x'aktarx jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet għaliha jew mal-frugħa tal-pretensjoni nfisha.  "Il-prinċipju assodat mill-ġurisprudenza lokali hija li eżercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal għar-responsabbilta` għad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbużat u jkun eżercitat fil-limiti

[1] "Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd." P.A. (RCP) – 20 ta' Mejju 2002) u wkoll fid-decizjoni "Mediterranean Film Studios vs Albert Galea et" (P.A. – 30 ta' Gunju 2000)

permissibbli mil-ligi."[2] Ma jirriżultax li kien hemm abbuż bħal dan f'din il-proċedura.

Illi jidher li l-kont imsemmi fir-rikors tas-sekwestrata, għalkemm intestat f'isimha, fil-fatt jappartjeni lil terzi;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti:

(1) tilqa' in parte l-ewwel talba billi tirriduċi l-ammont issekwestrat għas-somma ta' €8500;

(2) tiċħad it-tieni u t-tielet talba

(3) tilqa' r-raba' talba.

Spejjeż ta' dan ir-rikors jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Onor. Grazio Mercieca

Imħallef

[2] Zarb John vs Port Cottonera Limited, P.A. deciza fit-18 ta' Settembru 2002, per Onor. Imħallef Tonio Mallia